**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Novembru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 137/2021 AF**

**Liquigas Malta Limited (C-44954)**

**vs**

**Cavendish Hotels Limited (C-8372)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Liquigas Malta Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Fis-sena 2019, fis-sena 2020 u fis-sena 2021, is-socjetà rikorrenti forniet lis-socjetà intimata b'gass LPG (liquid petrolium gas) fuq ordni tas-socjetà intimata stess, fis-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u tletin Ewro u tlettax-il centezmu (€125,831.13), kopja tal-fatturi hawn annessa u mmarkati bhala 'Dok. A', 'Dok. B' u 'Dok. C' rispettivament.

Minkejja l-weghda ta' hlas da parti tas-socjetà intimata, s-socjetà rikorrenti baqghet ma thallsitx l-ammont dovut lilha.

Minkejja diversi interpellanzi tas-socjetà rikorrenti, fosthom permezz ta' ittra ufficcjali 156/21 mibghuta nhar it-13 ta' Jannar 2021, kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. D', is-socjetà intimata baqghet inadempjenti.

Fid-dawl ta' dan, nhar it-8 ta' Frar 2021, is-socjetà rikorrenti ntavolat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru 196/2021 fil-konfront tas-socjetà intimata in kawtela tal-hlasijiet dovuti mis-socjetà konvenuta lis-socjetà rikorrenti, kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. E'.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha fil-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn tas-socjetà konvenuta huwa cert, likwidu u li ghalaq u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt u fil-fehma tas-socjetà rikorrenti, s-socjetà konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetà intimata hija debitrici favur is-socjetà rikorrenti fis-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u tletin Ewro u tlettax-il centezmu (€125,831.13), rapprezentanti prezz ta' gass LPG (liquid petrolium gas).

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lir-rikorrenti s-somma indikata skond it-tieni talba.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat li, minkejja li saret lilha d-debita notifika skond il-ligi, it-talba ma giet kontestata b'ebda mod.

Semghet lil Stephen Muscat jikkonferma illi l-ammont *de quo* ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi Cavendish Hotels Limited hija debitrici tas-socjetà Liquigas Malta Limited fl-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u tletin Ewro u tlettax-il centezmu (€125,831.13);

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-socjetà Cavendish Hotels Limited thallas lil Liquigas Malta Limited is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u tletin Ewro u tlettax-il centezmu (€125,831.13), bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Cavendish Hotels Limited.

IMHALLEF

DEP/REG